# 60. Il-Laqgħa

Par ħamiem bojod waslu minn ġox-xagħri
u marru jaqsmu lill-Mediterran
fis-safra twila biex ifittxu s-sħana
ta' bur 'il bgħid 'il bgħid kollu ħadran.

Kif waslu fuq l-inħawi madwar Tunes
ħassew bihom il-għatx, bihom il-ġuħ;
semgħu tisfir, u raw għasfur qed jiekol,
u jdekdek l-ilma b'għonqu 'l fuq merfugħ.

U niżlu ħdejh; bħal vleġġa għalaq fuqhom
għeluq il-mansab u t-taħbil tax-xbiek;
il-mara sfat maqbuda qalb il-ħbula,
ir-raġel ħeles, tar, u qabad triq

Waħdu mar-riħ tax-xlokk ġos-sħab, u qasam
il-Baħar wiesa' tal-Mediterran,
u wasal fuq il-port ta' Malta, u niżel
fix-xatt ta' Wied Għammieq kollu ħadran.

U qagħad jiġġerra 'l hawn u 'l hemm ġor-raba,
ma jafx fejn jibda jmur kollu waħdien,
ma jafx kerġax isiefer jew jistenna
jew jaqbad sieħba oħra minn x'imkien.

U wara tmint ijiem, kif kien fis-sema,
lemaħ lil martu ġejja ftit fil-b'għod;
ma riedx jemmen 'l għajnejh, bħal xaqq ta' qasba
minn rasu sa saqajh beda jirtgħod.

U tbewsu u tgħannqu u ferħu, u f'imħabbithom
ma baqax x'jagħmlu aktar lil xulxin;
niżlu mis-sħab biex jibnu bejta u fiha
igħixu t-tnejn flimkien qatt mifrudin.

Nannie! tal-mewt il-mansab qabdek, għalqek:
għalija tama m'hemmx li f'Wied Għammieq
nerġa' miegħek niltaqa', u l-jiem tal-ħajja
ikolli ngħaddi waħdi qalb id-diq.

Mhux għax nixtieq nerġa' niltaqa' miegħek
u nibdew ħajja ġdida fuq din l-art;
x'gost fiha l-ħajja b'dawn is-slaleb kollha...
bil-ġuħ, bil-għatx, bil-ġlied, bid-dnub, bil-mard?

Iżda għad jasal jum li fih niltaqgħu
fis-saltna kaħla kbira tal-Ħallieq,
kif dawk il-ħamimiet bojod iltaqgħu
fis-sema kħajjel ta' fuq Wied Għammieq.

U jdejja fuq spallejk lil ġismek tjassar,
u l-bewsa ta' xofftejk lil ġismi tħoll,
nittama San Mikiel jerħilna nieqfu,
u jifraħ il-ferħ tagħna magħna wkoll.

Il-bejta tagħna dejjemija
fis-saltna kaħla kbira tal-henjin,
qalb il-bejtiet tal-anġli u l-erwieħ twajba,
u ngħixu t-tnejn flimkien qatt mifrudin!